

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Kumpilazzjoni tax-xhieda (rifomulazzjoni)
Kumpilazzjoni tax-xhieda (rifomulazzjoni)

Litwanja

L-Artikolu 2(1) - Awtoritajiet li jistgħu jitqiesu bħala qrati

Skont il-liġi nazzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja, il-qrati Litwani biss huma kompetenti biex jikkumpilaw xhieda għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f' materji ċivili jew kummerċjali.

L-Artikolu 3(2) - Qrati rikjesti

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [lt](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

il-
Litwan

Il-qrati rikjesti huma l-qrati tal-prim'istanza:

– il-qrati distrettwali u, fil-każijiet speċifikati mil-liġi, il-qrati reġjonali.

Materji ċivili li jistgħu jinstemgħu mill-qrati reġjonali

Il-qrati reġjonali, bħala qrati tal-prim'istanza, jisingħu kawżi ċivili:

- 1) għal talbiet li jaqbu u l-erbgħin elf euro, esklużi kawżi relatati mal-liġi tal-familja, ir-relazzjonijiet ta' impjeg jew il-kumpens għal danni mhux materjali;
- 2) relatati mar-relazzjonijiet legali morali taħt id-drittijiet tal-awtur;
- 3) relatati mar-relazzjonijiet legali li jirriżultaw minn offerta pubblika ċivili;
- 4) relatati mal- falliment u r- ristrutturar, minbarra kawżi relatati mal-falliment ta' persuni fiżiċi;
- 5) li fihom waħda mill-partijiet tkun stat barrani;
- 6) għal pretensjonijiet relatati mal-bejgħ obligatorju ta' ishma (interessi, ishma tal-membri);
- 7) għal talbiet relatati ma' investigazzjoni dwar l-attivitatijiet ta' entità ġuridika;
- 8) relatati ma' kumpens għal dannu materjali u mhux materjali bi ksar tad-drittijiet stabbiliti tal-pazjenti;
- 9) li, skont il-liġi, jinstemgħu mill-qrati reġjonali bħala l-qorti tal-prim'istanza.

Kawżi ċivili li jistgħu jinstemgħu mill-Qorti Reġjonali ta' Vilnius

Il-Qorti Reġjonali ta' Vilnius, li tagħxi bħala qorti tal-prim'istanza, għandha ġurisdizzjoni unika li tisma' kawżi ċivili:

- 1) li jinvolvu tilwim skont l-Att Litwan dwar il-Privattivi;
- 2) li jinvolvu tilwim skont l-Att Litwan dwar it-Trademarks;
- 3) li jinvolvu l-adozzjoni abbażi ta' rikorsi minn ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja li għandhom ir-residenza permanenti tagħhom f'pajjiż barrani, ċittadini barranin jew persuni mingħajr Stat biex jadottaw ċittadin tar-Repubblika tal-Litwanja li jirrisjedi fir-Repubblika tal-Litwanja, u rikorsi minn persuni li r-residenza abitwali tagħhom tinsab fir-Repubblika tal-Litwanja biex jadottaw ċittadin tar-Repubblika tal-Litwanja li jirrisjedi f'pajjiż barrani;
- 4) li, skont il-liġi applikabbli, jinstemgħu biss mill-Qorti Reġjonali ta' Vilnius bħala l-qorti tal-prim'istanza.

<https://www.teismai.lt/lt/visuomenei-ir-ziniasklaidai/teismai-ir-teisejai/teismu-kontaktai/1700>;

<https://www.teismai.lt/lt/visuomenei-ir-ziniasklaidai/teismai-ir-teisejai/teismu-veiklos-teritoriju-sarasas/1866>

L-Artikolu 4 - Korp ċentrali

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja

Gedimino pr. 30

LT-01104 Vilnius

Telefown: + 370 600 38 904

Faks: +370 5 262 59 40

E-mail: rastine@tm.lt

L-Artikolu 6 - Lingwi aċċettati biex jimtlew il-formoli

Minbarra l-Litwan, ir-Repubblika tal-Litwanja taċċetta formoli mimlija bl-Ingliż.

L-Artikolu 7 - Mezzi aċċettati għat-trażmissjoni ta' talbiet u komunikazzjonijiet oħra

Jekk it-trażmissjoni ma tkunx possibbli minħabba t-fixkil tas-sistema deċentralizzata tal-IT, it-talbiet u notifikati oħra jistgħu jiġu trażmessi bil-posta jew b'email.

L-Artikolu 19 - Korp ċentrali jew awtorità/awtoritajiet kompetenti responsabbli għal deċiżjonijiet dwar talbiet għal kumpilazzjoni ta' xhieda diretta

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja

Gedimino pr. 30

LT-01104 Vilnius

Telefown: + 370 600 38 904

Faks: +370 5 262 59 40

E-mail: rastine@tm.lt

L-Artikolu 29 - Ftehimiet jew arranġamenti li għalihom l-Istati Membri huma partijiet u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 29(2)

Il-Litwanja ma kkonkludiet l-ebda ftehim jew arranġament mal-Istati Membri biex tiġi ffaċilitata aktar il-kumpilazzjoni ta' xhieda, kif imsemmi fl-Artikolu 29(2).

L-Artikolu 31(4) - Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

-

L-aħħar aġġornament: 09/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.